Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15598/26

SPORT 50
CULT 140

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-isport u l-logħob tradizzjonali (SLT) bħala espressjoni ħajja tal-wirt kulturali tal-Ewropa u mutur tal-parteċipazzjoni inklużiva fl-attività fiżika

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fis-sessjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2026.

ANNESS

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-isport u l-logħob tradizzjonali (SLT) bħala espressjoni ħajja tal-wirt kulturali tal-Ewropa u mutur tal-parteċipazzjoni inklużiva fl-attività fiżika

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI QED JITQIES LI, GĦALL-FINIJIET TA' DAWN IL-KONKLUŻJONIJIET:

1. L-isport u l-logħob tradizzjonali (SLT) jistgħu jinftiehmu bħala attivitajiet fiżiċi, kompetittivi jew mhux kompetittivi u attivitajiet rikreattivi li jiffurmaw parti mid-diversità tal-wirt kulturali intanġibbli; huma prattikati individwalment jew kollettivament, għandhom l-għeruq tagħhom f'komunitajiet u identitajiet reġjonali jew lokali, mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra, u huma bbażati fuq regoli aċċettati mill-komunità prattikanti.

2. L-SLT huma dinamiċi, u jikkontribwixxu għall-kontinwità u l-identità kulturali, il-valuri kondiviżi u l-koeżjoni soċjali. L-aċċess u d-disponibbiltà tagħhom għall-ġenerazzjonijiet iżgħar huma essenzjali għas-sostenibbiltà u t-trażmissjoni tagħhom bħala prattiki kulturali u sportivi ħajjin.

FILWAQT LI JFAKKRU:

3. L-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprevedi li l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza li twettaq azzjonijiet fil-qasam tal-isport biex tappoġġa, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri. L-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea l-Unjoni (TFUE), li f'konformità miegħu l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għat-tmexxija 'l quddiem tal-kwistjonijiet Ewropej tal-isports, waqt li tieħu inkunsiderazzjoni n-natura speċifika tiegħu, l-istrutturi tiegħu bbażati fuq il-volontarjat u l-funzjonijiet soċjali u edukattiva tiegħu. L-Artikolu 167 TFUE jipprevedi li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom tirriżalta l-wirt kulturali komuni.

4. Il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2024–2027, li jenfasizza l-isport tradizzjonali taħt il-qasam ta' prijorità relatat mal-integrità u l-valuri fl-isport.

5. L-iskrizzjoni ta' ċertu sport tradizzjonali fil-Lista Rappreżentattiva tal-UNESCO tal-Wirt Kulturali Intanġibbli tal-Umanità u l-eżistenza ta' inventarji nazzjonali ta' wirt kulturali intanġibbli, li jinkludu ċerti SLT.

6. Il-kuntest politiku li jinsab fl-Anness ta' dawn il-konklużjonijiet.

FILWAQT LI JENFASIZZAW LI:

7. Minħabba l-organizzazzjoni tagħhom fil-livell lokali u bbażata fil-komunità, l-SLT jista' jkollhom rwol importanti fil-promozzjoni tal-attività fiżika tul il-ħajja għal kulħadd u t-tixjiħ attiv, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kontinwazzjoni tal-prattika tagħhom fi ħdan il-komunitajiet lokali. Dawn jistgħu jipprovdu wkoll benefiċċji importanti għas-saħħa u l-benesseri fiżiċi u mentali lill-individwi involuti fl-SLT.

8. L-organizzazzjonijiet involuti fl-SLT spiss ikunu strutturi mmexxija mill-voluntiera li jikkontribwixxu għar-reżiljenza soċjali u komunitarja.

9. Il-parteċipazzjoni fl-SLT tista' trawwem, pereżempju, il-koeżjoni soċjali u r-reżiljenza, il-parteċipazzjoni u l-iskambju interġenerazzjonali, is-sensibilizzazzjoni ambjentali, l-edukazzjoni, it-turiżmu, l-iżvilupp reġjonali, il-vitalità taż-żoni rurali u remoti, il-preservazzjoni tat-tradizzjonijiet lokali u l-wirt kulturali, u ċ-ċittadinanza attiva.

10. L-SLT jistgħu jikkontribwixxu għad-diversità tal-modi kif in-nies jiċċaqalqu, jilagħbu u jinteraġixxu. Il-parteċipazzjoni fl-SLT tista' tikkontribwixxi għall-istabbiliment tal-pedament għal drawwiet ta' stil ta' ħajja tajbin għas-saħħa fost it-tfal u ż-żgħażagħ li jistgħu jdumu tul ta' ħajja, inkluż billi jiġu promossi opportunitajiet għal attività fiżika ta' kuljum.

11. L-SLT jista' jkollhom rwol fit-tisħiħ tal-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport, peress li jinkorporaw ħafna mill-valuri ewlenin tiegħu, bħall-inklużività, l-integrità tal-isport, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-involviment tal-komunità u d-diversità kulturali, li jirfdu dan il-mudell.

12. Ir-riċerka mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea[1] dwar l-SLT turi l-isfidi li jiffaċċjaw l-SLT biex jattiraw parteċipanti ġodda minħabba, fost l-oħrajn, l-urbanizzazzjoni, in-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani, u l-viżibbiltà limitata lil hinn miż-żoni ta' oriġini tagħhom.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI ADATTI:

13. Jippromwovu s-sensibilizzazzjoni dwar l-SLT bħala parti mid-diversità sportiva u l-wirt kulturali intanġibbli tal-Ewropa, inkluż, pereżempju, billi jimmappjaw l-SLT kemm fuq skala nazzjonali kif ukoll reġjonali, jew jirrikonoxxu, fejn xieraq u f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, il-kontribut tagħhom għall-politiki nazzjonali dwar l-isport u l-kultura.

14. Jiffaċilitaw l-iskambji ta' informazzjoni u prattiki tajba dwar ir-rikonoxximent tal-SLT, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi u l-proċeduri nazzjonali, u b'hekk jikkontribwixxu għas-salvagwardja u l-promozzjoni tal-wirt kulturali komuni tal-Ewropa.

15. Jappoġġaw il-volontarjat u l-istrutturi ta' governanza bbażati fil-komunità li jsostnu, jissalvagwardaw u jittrażmettu l-SLT, mingħajr ma joħolqu piżijiet amministrattivi bla bżonn.

16. Jappoġġaw inizjattivi mmirati lejn is-sensibilizzazzjoni u l-espansjoni tal-grupp ta' prattikanti potenzjali tal-SLT fost it-tfal u ż-żgħażagħ, inkluż, fejn xieraq u f'konformità mas-sistemi edukattivi nazzjonali, permezz tal-edukazzjoni, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-attivitajiet ibbażati fil-komunità, u b'hekk jenfasizzaw il-valur tat-trażmissjoni interġenerazzjonali.

[1] Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura, *Mapping of traditional sports and games (TSG) in Europe – Rapport finali, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016.*

17. Jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni inklużiva fl-SLT u l-aċċess għalihom f'konformità mar-raġunijiet ta' nondiskriminazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li jipprevedi li kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħal, b'mod partikolari, raġunijiet ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali għandha tkun ipprojbita.

18. Iqisu, fejn xieraq u f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali, l-inklużjoni tal-SLT fl-inventarji nazzjonali tal-wirt kulturali intanġibbli.

19. Jinkoraġġixxu inizjattivi ta' kooperazzjoni, fuq bażi volontarja, inkluż skambji transfruntiera ta' prattiki tajbin, pjattaformi diġitali u festivals, relatati mal-SLT kif ukoll, fejn xieraq u f'konformità mal-proċeduri nazzjonali, jinnotaw l-eżistenza u l-iżvilupp naturali ta' SLT Ewropej oħra fit-territorju nazzjonali. Forom simili jew relatati ta' sport u logħob tradizzjonali jistgħu jinstabu fi Stati Membri u reġjuni differenti, li juru konnessjonijiet storiċi u kulturali madwar l-Ewropa u joffru opportunitajiet għal skambju, tagħlim u kooperazzjoni transfruntiera.

20. Irawmu u jsaħħu l-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet Ewropej u Internazzjonali involuti fl-SLT, bħall-UNESCO u l-Kunsill tal-Ewropa, li jippromwovu l-kooperazzjoni intergovernattiva fil-qasam tal-isport u jenfasizzaw l-isport bħala mezz ta' promozzjoni tal-patrimonju, il-kultura u l-istorja Ewropej.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FL-ISFERI TA' KOMPETENZA TAGĦHA:

21. Tappoġġa l-parteċipazzjoni fl-SLT permezz ta' inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, inkluż il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport u l-Forum Ewropew tal-Isport. Tqis, fejn xieraq, opzjonijiet biex tinkoraġġixxi l-prattika u t-trażmissjoni tal-SLT u ssaħħaħ id-djalogu interkulturali jew tenfasizza l-SLT bħala tema għal avvenimenti ġodda jew eżistenti.

22. Tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba permezz ta', pereżempju, gruppi ta' esperti u attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari, inkluż l-iskambju ta' għarfien dwar is-salvagwardja, il-governanza u l-iżvilupp sostenibbli tal-SLT.

23. Tesplora opportunitajiet biex issaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE bejn l-oqsma ta' politika rilevanti tal-isport, il-wirt kulturali, il-ġustizzja interġenerazzjonali, u l-edukazzjoni, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri.

24. Tappoġġa, fejn xieraq, proġetti relatati mal-SLT taħt l-inizjattivi ta' finanzjament rilevanti attwali tal-Unjoni, inkluż l-Azzjonijiet Sportivi tal-Erasmus+, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u strumenti rilevanti oħra.

JISTIEDNU L-MOVIMENT SPORTIV, IL-KOMUNITÀ TRADIZZJONALI TAL-ISPORT U L-LOGĦOB U PARTIJIET IKKONĊERNATI RILEVANTI OĦRA, FILWAQT LI JIRRISPETTAW L-AWTONOMIJA TAGĦHOM:

25. Jippromwovu l-parteċipazzjoni inklużiva fl-SLT u l-aċċess għalihom.

26. Isaħħu l-governanza, l-istandards ta' salvagwardja u integrità fi ħdan l-istrutturi tal-SLT, f'kooperazzjoni ma' partijiet oħra tas-settur tal-isport.

27. Jikkooperaw mal-awtoritajiet pubbliċi fit-tisħiħ tal-viżibbiltà, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-SLT, inkluż permezz tal-użu ta' għodod ta' komunikazzjoni diġitali u innovattivi u l-iżvilupp ta' dokumentazzjoni li tappoġġa t-trażmissjoni tagħhom fost il-ġenerazzjonijiet.

28. Jinkoraġġixxu n-networking u l-kooperazzjoni transfruntiera relatati mal-SLT.

DOKUMENTI KUNTESTWALI

Qafas leġiżlattiv u politiku tal-UE

– Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2025 dwar ir-rwol tal-politiki tal-UE fit-tfassil tal-Mudell Ewropew tal-Isport (2025/2035 (INI)) ĠU C, C/2026/1521, 15.4.2026, *ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/1521/oj*

– Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 dwar l-iżvilupp tal-Aġenda 2030 biex jintlaħqu l-għanijiet: Naċċelleraw il-lokalizzazzjoni tal-SDGs (15939/23)

– Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2023 dwar tranżizzjoni soċjali, ekoloġika u diġitali (15732/23)

– Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' April 2022 dwar l-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli (ĠU C 170, 25.4.2022, p. 1)

– Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2021 dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport (ĠU C 501, 13.12.2021, p. 1)

– Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2021 dwar l-attività fiżika tul il-ħajja (ĠU C 501I, 13.12.2021, p. 1)

– Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2021 dwar l-innovazzjoni fl-isport (ĠU C 212, 4.6.2021, p. 2)

– Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2019 dwar id-Dimensjoni Kulturali tal-Iżvilupp Sostenibbli (ĠU C 410, 6.12.2019, p. 1)

– Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni tal-UE permezz tal-isport (ĠU C 196, 8.6.2018, p. 23)

– Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2016 dwar id-diplomazija bl-isport (ĠU C 467, 15.12.2016, p. 12)

– Il-Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura, *Mapping of traditional sports and games (TSG) in Europe – Final report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

– Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 46)

– Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2015 dwar il-massimizzazzjoni tar-rwol tal-isport tal-massa fl-iżvilupp ta' ħiliet trażversali, speċjalment fost iż-żgħażagħ (ĠU C 172, 27.5.2015, p. 8)

– Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2014 dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Isport (ĠU C 183, 14.6.2014, p. 39)

– Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391–407)

Dokumenti minn organizzazzjonijiet oħra

– UNESCO. *MINEPS VII Outcome Document: Fit for Life Alliance*, adottat fis-Seba' Konferenza Internazzjonali tal-Ministri u l-Uffiċjali Għolja Responsabbli għall-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport (MINEPS VII), Baku, 29 ta' Ġunju 2023.

– Il-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa (CM/Rec (2021)5)

– Karta Internazzjonali tal-Edukazzjoni Fiżika, l-Attività Fiżika u l-Isport (2015)

– UNESCO, Rapport Finali tat-Tieni Konsultazzjoni Kollettiva dwar is-Salvagwardja u l-Promozzjoni tal-Logħob Tradizzjonali u l-Isport, Tehran, ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, 16–20 ta' Jannar 2009.

– Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Res (2007)8, li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż dwar l-Isport (EPAS)

– Konferenza Ġenerali tal-UNESCO, Riżoluzzjoni 33 C/21 dwar il-Logħob Tradizzjonali u l-Isport, adottata fit-33 sessjoni tagħha, Pariġi, 2005.

– Il-Konvenzjoni għall-Ħarsien tal-Patrimonju Kulturali Intanġibbli (2003)

– UNESCO, Dikjarazzjoni ta' Punta del Este, adottata mit-Tielet Konferenza Internazzjonali tal-Ministri u l-Uffiċjali Għolja Responsabbli għall-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport (MINEPS III), Punta del Este, l-Urugwaj, 30 ta' Novembru sat-3 ta' Diċembru 1999.